**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 30 ta` Settembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**Vs**

**SUNNY DEGABRIELE**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Sunny Degabriele** bin Grezzju u Georgina nee' Kerr, imwieled Attard nhar it-30 ta' Lulju 1972**,** u residenti 4, Sqaq San Pietru numru 1, Qormi, detentur tal-karta tal-identita` numru **351572M** gie akkuzat talli :

a) Fid-9 ta' April 2009, ghall-habta tal-10am fi Triq il-Kbira, Qormi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmel Degabriele f'periklu car, ikkagunajtlu griehi ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha, skond kif iccertifika Dr.Jonathan Joslin MD;

b) U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli ghad-detriment ta' Carmel Degabriele, liema

hsara ma tiskorriex il-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

c) Aktar talli hebb ghall-persuna ta’ Carmel Degabriele sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-pesuna;

d) Aktar talli volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f’kaz ta’htija, tipprovdi skond l-Art.383 et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet u qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat ir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali li jinsab *a folio* 88 u l-kunsens ta` l-imputat li jinsab *a folio* 109;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti.

1. Illi Carmel Degabriele jigi hu missier l-imputat allura jigi z-ziju ta` l-imputat. Jidher li bejn dawn il-membri ta` l-istess familja kien hemm minn zmien twil xi dizgwid. Dan l-istess Carmel Degabriele gie anke deskritt bhala bniedem ‘pezza kwistjoni’, li jhobb ‘jaghmel il-bsaten fir-roti’;
2. Illi sa biss ftit jiem qabel l-incident mertu ta` din il-kawza, kien sar rapport fil-konfront ta` l-imsemmi Carmel Degabriele ara folio 124) ghal tghajjir u insulti li allegatament huwa kien ghamel lill-imputat gewwa Hal Qormi;
3. Illi nhar id-9 ta` April 2009, nhar Hamis ix-Xirka, f’xi hin filghodu, l-imputat hareg mir-residenza tieghu fi Triq San Pietru biex imur jixtri rigal ghan-nepputi tieghu. Kif hareg u dahal gewwa Main Street, lemah lil zijuh Carmel Degabriele gej fuq l-istess naha tat-triq, lejn id-direzzjoni tieghu;

4. Illi malli gew madwar metru u nofs il-boghod minn xulxin, Carmel Degabriele insulentah bil-kelma ‘imbruljun’. Hawnhekk l-imputat qallu sabiex jaqta dan l-atteggjament tieghu ghax kien vera qed idejjqu. Dak il-hin, Carmel Degabriele qallu ‘mur hudu foxx ommok’, dahhal idejh fil-but u qabad mus li kellu xafra qisa madwar tlett pulzieri;
5. Illi f’dan il-mument l-imsemmi Carmel Degabriele xejjer il-mus u l-imputat qala daqqiet bih f’ghonqu (ir-ritratti *a folio* 126 u c-certifikat mediku *a folio* 76 jikkonfermaw dan);
6. Illi l-imputat ra kif ghamel biex jiddefendi ruhu minn din l-aggressjoni li kienet gejja minn naha ta` Carmel Degabriele. L-imputat iddefenda ruhu b’idejh. Beda jxejjer b’idejh u b’saqajh u f’xi hin anke waqghu fl-art u gew fuq xulxin. Ezattament waqghu gewwa entrata fejn joqghod Dun Annetto Depasquale;
7. Illi waqt din il-glieda l-imputat sofra gerha zghira fil-hames sebgha ta` l-id il-leminija (ara certifikat *a folio* 76). Meta waqghu ma l-art, jidher li l-imputat gie fuq Carmel Degabriele. L-imputat ma jichadx li kompla jaghti lil Carmel Degabriele bil-ponn, dejjem filwaqt li l-istess Carmel Degabriele kien ghad kellu l-mus f’idejh (ara ritratt tal-mus *a folio* 74);
8. Illi mbaghad waslu l-pulizija u ferrquhom. Meta waslu l-pulizija, l-mus kien ghadu f’idejn Carmel Degabriele;

**Ikkunsidrat**;

Illi waqt il-glieda mertu ta` din il-kawza, Carmel Degabriele sofra griehi gravi f’wiccu u kellu anke demm hiereg mill-istess feriti. Meta l-pulizija waslu fuq il-post innutaw li l-mus kien f’idejn Carmel Degabriele. Dan qalilhom li l-mus ma kienx tieghu izda kien hadu minn idejn l-imputat.

Skond it-Tabib Jonathan Joslin (ara folio 37) il-griehi sofferti minn Carmel Degabriele kienu ‘blunt injuries’ kompatibbli ma daqqiet ta` ponn.

Meta mistoqsi l-imputat (ara *folio* 121) ghaliex ma marx l-ghassa minflok ma iddefenda ruhu, huwa wiege senjatament is-segwenti :

***Ma stajtx ……. L-ewwel nett kont bil-biza, ippanikjajt dak il-hin, qabadni panic u fl-istess hin biza u fl-istess hin qabadni mill-qmis karmenu, zammni mill-qmis u ghandi l-qmis kollha mcarrta***

**Ikkunsidrat**;

Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali, jirrizulta sodisfacentement lil din il-Qorti illi dakinhar ta` l-incident, kien Carmel Degabriele li ipprovoka incident bil-fomm, u ipprecipitah billi aggredixxa lill-imputat sahansitra b'mus f'idejh – mus li effettivament instab f'idejn Carmel Degabriele, liema mus gie elevat u identifikat waqt dawn il-proceduri.

Din il-Qorti hi konvinta li l-feriti sofferti mill-imputat huma kompatibbli ma agressjoni b'mus filwaqt li l-griehi sofferti minn Carmel Degabriele huma kompatibbli ma daqqiet ta` ponn. Il-griehi li sofra Carmel Degabriele huma kompatibbli ma agressjoni reattiva da parti ta` l-imputat li kien qed jirreagixxi ghal agressjoni gravi u ingusta, u agressjoni li sehhet f'daqqa. L-imputat ma kellux triq ohra hlief li jirrespingi l-attakk.

Kollox jindika illi l-verzjoni li ta l-imputat hija dik li ghandha mis-sewwa u sufficjentement korroborata mir-rizultanzi processwali.

Din il-Qorti qieset l-insenjament tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali f'diversi sentenzi in materja. Il-**Qorti ta` l-Appell Kriminali (App Nru 46/2002 JGD**), fis-sentenza taghha tas-27 ta` Gunju 2002, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Francis Grima", taghmilha cara ***"Illi hu risaput li biex tirnexxi pjenament l-eccezzjoni tal-'legittima difesa' jinhtieg li jikkonkorru flimkien certi elementi, senjatament li jkun hemm attakk jew agressjoni, li dan l-attakk ikun sar f'daqqa u jkun gravi u ingust, u ukoll li l-perikolu ikun inevitabbli u li l-agent ma jkollux mezz iehor hlief dak li jkun uza biex jirrespingi l-attakk. Fuq kollox umbaghad ikun hemm bzonn li bejn l-agressjoni (l-attakk) u r-reazzjoni ta` dak li jkun ikun hemm il-proporzjonalita`."***

Fil-fehema ta` din il-Qorti, ir-rizultanzi processwali f'dan il-kaz, huma rappresentattivi ta` kaz klassiku ta` legittima difesa.

U peress li tissussisti l-eccezzjoni tal-legittima difesa (riferibbilment ghall-ewwel imputazzjoni), bhala konsegwenza jikkrollaw ukoll l-imputazzjonijiet l-ohra rimanenti.

**Konkluzjoni.**

**Ghall-motivi premessi din il-Qorti ssib u tiddikjara lill-imputat Sunny Degabriele mhux hati ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u minnhom tilliberah skond il-ligi.**